IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.10.2014
COM(2014) 653 final

2014/0302 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li testendi l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/181/UE li tawtorizza li lir-Rumanija l-applikazzjoni ta' miżura ta' deroga speċjali mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha

Skont l-Artikolu 395(1) tad-Direttiva 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (minn hawn 'il quddiem "id-Direttiva tal-VAT"), il-Kunsill, jista' jawtorizza, billi jaġixxi unanimament fuq proposta mill-Kummissjoni lil kwalunkwe Stat Membru li jintroduċi miżuri speċjali għal deroga mid-dispożizzjonijet ta' din id-Direttiva, sabiex jissimplifika l-proċedura tal-ġbir tal-VAT jew sabiex jipprevjeni ċerti tipi ta' evażjoni jew evitar tat-taxxa.

Permezz ta' ittri rreġistrati mal-Kummissjoni fit-28 ta' April 2014 u t-22 ta' Awwissu 2014, ir-Rumanija talbet awtorizzazzjoni biex tkompli teżenta lil persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom mhuwiex ogħla mill-ekwivalenti fil-valuta nazzjonali għal EUR 65 000 bir-rata tal-konverżjoni fil-jum tal-adeżjoni tagħha. B'konformità mal-Artikolu 395(2) tad-Direttiva tal-VAT, il-Kummissjoni, permezz ta' ittri datati l-1 ta' Settembru 2014, infurmat lill-Istati Membri l-oħra bit-talba tar-Rumanija. Permezz ta' ittra datata t-3 ta' Settembru 2014, il-Kummissjoni nnotifikat lir-Rumanija li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tqis it-talba.

Il-kuntest ġenerali

Il-Kapitolu 1 tat-Titolu XII tad-Direttiva tal-VAT jagħti l-possibbiltà lill-Istati Membri li japplikaw skemi speċjali għall-impriżi żgħar, inkluża l-possibbiltà li jeżentaw lil persuni taxxabbli b'inqas minn ċertu fatturat annwali. Din l-eżenzjoni timplika li persuna taxxabbli ma għandhiex għalfejn iżżomm il-VAT fuq il-provvisti tagħha u, konsegwentement, ma tistax tnaqqas il-VAT minn fuq l-akkwisti tagħha.

Skont l-Artikolu 287(18) tad-Direttiva tal-VAT, ir-Rumanija tista' tagħti eżenzjoni mill-VAT lill-persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom mhuwiex iktar mill-ekwivalenti fil-valuta nazzjonali għal EUR 35 000 bir-rata tal-konverżjoni fil-jum tal-adeżjoni tagħha.

Fl-2011, ir-Rumanija talbet deroga sabiex tissimplifika l-obbligazzjonijiet tal-VAT għan-negozjanti ż-żgħar u sabiex tiffaċilita l-ġbir tat-taxxa għall-amministrazzjoni tat-taxxa nazzjonali. Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/181/UE tas-26 ta' Marzu 2012, il-Kunsill awtorizza lir-Rumanija li teżenta mill-VAT lill-persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom mhuwiex ogħla mill-ekwivalenti fil-valuta nazzjonali għal EUR 65 000 sal-31 ta' Diċembru 2014. Din l-iskema hija fakultattiva għall-persuni taxxabbli.

Ir-Rumanija issa talbet għal estensjoni ta' dik il-miżura.

Mill-informazzjoni pprovduta mir-Rumanija, jidher li aktar minn 10 000 persuna taxxabbli bbenefikaw minn eżenzjoni tal-VAT b'riżultat tal-applikazzjoni tal-miżura. Barra minn hekk, l-istruttura tal-ekonomija Rumena turi li aktar minn 84% tal-għadd totali ta' persuni taxxabbli għandhom fatturat ta' inqas minn EUR 65 000. Bejn wieħed u ieħor 21% mit-tali persuni taxxabbli huma rreġistrati għall-VAT, u dawn jikkontribwixxu 1.81% biss tad-dħul mill-VAT totali u għal 0.54% biss tad-dħul totali tal-bażit tal-Istat. Ir-Rumanija tqis li din il-miżura ġġib simplifikazzjoni kemm għall-persuni taxxabbli kif ukoll għall-amministrazzjoni tat-taxxa. Qed jiġi propost li tiġi estiża d-deroga għal perjodu ieħor sal-31 ta' Diċembru 2017.

Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta

Derogi simili ngħataw lil Stati Membri oħra.

Konsistenza mal-bqija tal-politiki u l-għanijiet tal-Unjoni

Il-miżura hija skont l-objettivi tal-Unjoni għan-negozji ż-żgħar, kif stipulat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Aħseb l-ewwel fiż-Żgħir" – "Att dwar in-Negozji ż-Żgħar għall-Ewropa" (COM(2008) 394 tal-25 ta' Ġunju 2008).

2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati

Mhux rilevanti.

Il-ġbir u l-użu ta' kompetenza

Ma kienx hemm bżonn ta' għarfien espert estern.

Valutazzjoni tal-impatt

Il-proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill għandha l-għan li tkompli miżura ta' simplifikazzjoni li tneħħi ħafna mill-obbligazzjonijiet tal-VAT għan-negozji li joperaw b'fatturat annwali li mhuwiex ogħla mill-ekwivalenti fil-valuta nazzjonali għal EUR 65 000, u għalhekk għandha potenzjal għal impatt pożittiv.

Minħabba l-kamp ta' applikazzjoni strett tad-deroga u l-applikazzjoni limitata fiż-żmien, il-kamp ta' applikazzjoni jkun limitat fi kwalunkwe każ.

3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Sommarju tal-azzjoni proposta

Awtorizzazzjoni għar-Rumanija biex tkompli tapplika miżura derogatorja mid-Direttiva tal-VAT fir-rigward tal-miżura ta' simplifikazzjoni għan-negozju b'fatturat annwali li ma jkunx aktar mill-ekwivalenti fil-valuta nazzjonali għal EUR 65 000 bir-rata tal-konverżjoni fil-jum tal-adeżjoni tagħha.

Bażi legali

L-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT.

Prinċipju ta' sussidjarjetà

Meta titqies id-dispożizzjoni tad-Direttiva tal-VAT li fuqha hija bbażata l-proposta, il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklussiva tal-Unjoni Ewropea. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà għalhekk ma japplikax.

Prinċipju ta' proporzjonalità

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin.

Id-Deċiżjoni tikkonċerna awtorizzazzjoni mogħtija lil Stat Membru wara talba li għamel hu stess u ma tikkostitwixxi l-ebda obbligu.

Jekk wieħed iqis l-firxa limitata tal-applikazzjoni tad-deroga, il-miżura speċjali hija proporzjonata mal-għan imfittex.

Għażla tal-istrumenti

Strumenti proposti: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill.

Skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT, deroga mir-regoli komuni tal-VAT hija possibbli biss bl-awtorizzazzjoni tal-Kunsill li jkun qiegħed jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta mill-

Kummissjoni. Barra minn hekk, Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill hija l-aktar strument adattat peress li tista' tiġi indirizzata lill-Istati Membri individwali.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta m'għandhiex implikazzjoni fuq il-baġit tal-UE għaliex ir-Rumanija se twettaq kalkolu ta' kumpens skont l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, EURATOM) 1553/89.

5. ELEMENTI MHUX OBBLIGATORJI

Klawżola ta' limitazzjoni

Il-proposta hija limitata biż-żmien.

2014/0302 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li testendi l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/181/UE li tawtorizza li lir-Rumanija l-applikazzjoni ta' miżura ta' deroga speċjali mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 395(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) F'ittri rreġistrati mal-Kummissjoni fit-28 ta' April 2012 u t-22 ta' Awwissu 2014, ir-Rumanija talbet awtorizzazzjoni għal miżura ta' deroga mill-Artikolu 287 (18) tad-Direttiva 2006/112/KE sabiex tkompli teżenta lil persuni taxxabbli mit-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) li l-fatturat annwali tagħhom mhuwiex ogħla mill-ekwivalenti fil-valuta nazzjonali għal EUR 65 000 bir-rata tal-konverżjoni fil-jum tal-adeżjoni. Permezz ta' dik il-miżura, dawk il-persuni taxxabbli se jkomplu jiġu eżentati minn ċerti obbligazzjonijiet jew mill-obbligazzjonijiet kollha fir-rigward tal-VAT imsemmija fil-Kapitoli 2 sa 6 tat-Titolu XI tad-Direttiva 2006/112/KE.

(2) B'konformità mat-tieni paragrafu tal-Artikolu 395(2) tad-Direttiva 2006/112/KE, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħra permezz ta' ittra ddatata l-1 ta' Settembru 2014 bit-talba tar-Rumanija. Permezz ta' ittra ddatata t-3 ta' Settembru 2014, il-Kummissjoni nnotifikat lir-Rumanija li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tqis it-talba.

(3) L-Istati Membri diġà għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom skema speċjali għall-impriżi ż-żgħar skont it-Titolu XII tad-Direttiva 2006/112/KE. Skont il-punt (18) tal-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE, ir-Rumanija tista' tagħti eżenzjoni mill-VAT lill-persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom mhuwiex għola mill-ekwivalenti fil-munita nazzjonali għal EUR 35 000 bir-rata tal-konverżjoni fil-jum tal-adeżjoni tagħha.

(4) Permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/181/UE tas-26 ta' Marzu 2012 li tawtorizza lir-Rumanija ddaħħal miżura ta' deroga speċjali mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud[2], ir-Rumanija kienet awtorizzata, sal-31 ta' Diċembru 2014 u bħala miżura ta' deroga, li teżenta mill-VAT lill-persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom mhuwiex ogħla mill-ekwivalenti fil-valuta nazzjonali għal EUR 65 000 bir-rata tal-

[1] ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.
[2] ĠU L 92, 30.03.2012, p. 26.

konverżjoni fil-jum tal-adeżjoni tagħha. Peress li dan il-limitu ogħla rriżulta f'obbligazzjonijiet tal-VAT imnaqqsa għall-iżgħar negozji, filwaqt li dawn tal-aħħar għadhom jistgħu jagħżlu l-arranġamenti normali tal-VAT skont l-Artikolu 290 tad-Direttiva 2006/112/KE, ir-Rumanija għandha tiġi awtorizzata biex tapplika l-miżura għal perjodu limitat ieħor.

(5) Mill-informazzjoni pprovduta mir-Rumanija, il-miżura se jkollha biss impatt negliġibbli fuq il-VAT miġbura fl-istadju tal-konsum finali.

(6) Id-deroga ma għandha l-ebda impatt negattiv fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li jirriżultaw mill-ġbir tal-VAT,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

B'deroga mill-punt 18 tal-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE, ir-Rumanija hi awtorizzata li teżenta mill-VAT lil persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom ma jisboqx l-ekwivalenti fil-valuta nazzjonali ta' EUR 65 000 bir-rata ta' konverżjoni fil-jum tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2017.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Rumanija.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President